KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 31 – L-ERBGĦA 14 TA' APRIL 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**31.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

31.1.1 Ma kienx hemm.

**31.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

31.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (30) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

31.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 31.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

31.3.1 Ma kienx hemm.

Is-Sindku Dott. Sciberras talab biex issir sospensjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss item nru. 31.9 minflok item nru. 31.4. peress li kien preżenti għas-seduta l-Accountant tal-Kunsill. *Nem con*.

## 31 .4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' ĦIDMA

31.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-pjan ta' ħidma għal ħames snin.

31.4.2 L-Accountant ippreżenta l-Pjan ta' Ħidma lill-preżenti u spjega dan ir-rapport finanzjarju fid-dettal. Żied jgħid li dan huwa *forecast* fuq perjodu ta' ħames snin u ż-żieda fl-allokazzjoni finanzjarja kull sena qed tiġi kkalkulata 10% żieda kull sena.

31.4.3 L-Accountant spjega d-dħul (income) fil-kolonna tas-sena 2020 u sintendi l-ħruġ (expenditure) fejn jidher li s-sena 2020, il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għalqet b'*surplus* ta' Eur19,100.

31.4.4 Imbagħad ta spjegazzjoni dwar id-dħul u l-ħruġ tas-sena kurrenti 2021skont l-estimi finanzjarji li kien ħejja l-Kunsill aktar kmieni din is-sena.

31.4.5 Ġie spjegat l-*Operations & Maintenance*, *Administration & other expenses, Personal Emoluments, Cash Budget cash inflows & cash outflows.*

31.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fis-seduta li jmiss tal-Kunsill se jkun qed jiġi ppreżentat l-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2021. F'dan ir-rapport ikun qed jingħata stampa reali tal-finanzi tal-Kunsill peress li fl-ewwel tliet xhur tas-sena, kien hemm xi movimenti u saru tranżazzjonijiet in konnessjoni mall-Miżura 4.3 u l-Miżura 4.4 tal-European Agricultural Fund Rural Programme.

31.4.7 L-Accountant spjega wkoll id-deprezzament għas-sena 2020 u s-sena kurrenti 2021.

Irrimarka wkoll dwar il-proġett propost tal-Kunsill għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza u semma li l-figuri li qed jidhru fil-Pjan ta' Ħidma fuq ħames snin, il-Kunsill qed iserraħ fuq il-fondi li hemm ipparkjati fl-Awtorità tal-ippjanar taħt il-fond *Planning Development Fund* u l-figuri indikati f'dan il-Pjan huma proġettati fuq finanzjament ta'100% minn dan il-fond. Jekk kemm-il darba l-Kunsill ma jirnexxilux iġib l-100% imma 80%, l-Accountant irrimarka li l-Kunsill ikun f'qagħda finanzjarja tajba xorta waħda. Imbagħad għamel riferenza għal *Financial Situation Indicator* fejn jidher li b'dak li qed jiġi proġettat bejn is-sena 2020 u s-sena 2024, l-FSI għas-sena 2020 kien ta' 37%, l-FSI għas-sena 2021 se jkun 40%, l-FSI għas-sena 2022 se jkun 41%, l-FSI għas-sena 2023 se jkun 45% u l-FSI għas-sena 2024 se jkun 50%.

31.4.8 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

31.4.9 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-Pjan ta' Ħidma 2020-2024.

Il-Kunsill approva *nem con*.

## 31.5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

31.5.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-proġett ta' Triq il-Wied reġa qabad ir-ritmu fejn ingħatat l-ewwel saffa asphalt u tal-anqas bdejna ntaffu mill-inkonvenjenzi tat-trabijiet. Verament li l-proġett huwa *overdue* iżda ħafna mill-kummenti li qed itellgħu ir-residenti fuq il-paġna ta' facebook Iklin Residents dwar il-*method statement* tax-xogħlijiet, is-Sindku qal li jkun aħjar jekk inħallu f'idejn l-esperti u persuni oħra tekniċi tal-Aġenzija Infrastructure Malta u l-Kuntrattur biex jikkonkludu dawn ix-xogħlijiet.

31.5.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar il-proġett li qed isir b'fondi tal-Unjoni Ewropeja fiż-żona rurali tal-Iklin fejn preżentament qed jitkomplew ix-xogħlijiet fuq proġett ta' rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Sqaq in-Namur taħt il-Miżura 4.4 The European Agricultural Fund for Rural Development.

31.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien qed jistenna l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex tagħti l-*clearance* u l-istruzzjonijiet tagħha biex isir intervent fuq speċi *ficus macrocarpa* biex ikun jista jsir *reinstatement* tal-bankina eżistenti fi Triq Ġużè Bonnici minħabba li l-għeruq tal-imsemmija speċi ikkawżat ħsara fil-bankina u f'parti mill-karreġġjata.

31.5.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet tqassmet ittra lir-residenti u s-sidien ta' garages fi Triq Erin Serracino Inglott u fl-immedjat bħala parti minn process ta' konsultazzjoni mar-residenti qabel ma jiġu mplimentati miżuri ġodda tat-traffiku għall-immaniġġjar aħjar tat-traffiku fi Triq Erin Serracino Inglott. Semma li *deadline* għall-konsultazzjoni tagħlaq nhar is-16 ta' April u wara jsir l-assessjar tal-kummenti li għaddew ir-residenti lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill se jkun qed jisma qabel ma jipproċedi bix-xogħlijiet.

31.5.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa mall-Professur Andrew Azzopardi mill-Fakultà ta' Social Wellbeing biex fl-immedjat jiġi ffirmat *Memorandum of Understanding* biex nitilqu bil-proġett biex isir studju xjentifiku dwar il-komunità biex il-Kunsill ikun jista jfassal Pjan ta' Ħidma maħdum fuq dak li teħtieġ verament il-komunità tal-Iklin.

31.5.6 Is-Sindku Dott. Sciberras kellu laqgħa ma' Chief of Staff tal-Ministru Dr. Aaron Farrugia u rappreżentanti mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fil-preżenza wkoll tal-Kunsillier Bernice Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien ressaq leħen tar-residenti li qed jilmentaw minn irwejjaħ mhux pjaċevoli li ħerġin mis-settur tal-industrija fl-Iklin. Semma li matul din il-laqgħa li saret b'mod virtwali wassal il-frustrazzjoni tar-resident u aktar minn hekk il-biża li dawn l-emmissjonijiet jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna. Is-Sindku kompla billi qal li r-reazzjoni min-naħa tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi bħal donnu ma kenux konvinti li l-emmissjonijiet qed jiġu kkawżati minn industrija partikolari fl-Iklin. Fil-fatt, esiġew mas-Sindku u mall-Kunsillier Farrugia biex ir-resident jikkomunika direttament mal-Awtorità fuq linja partikolari 24/7 biex l-ispetturi jkunu jistgħu jispezzjonaw fil-mument li tkun qed issir l-azzjoni.

F'dan il-punt, l-Awtorità tkun tista, bir-riżorsi tagħha, tistabilixxi liema sustanza ta' tniġġiż iċ-ċittadin qed jilmenta dwar. Il-kelliema mill-Awtorità ikkonfermaw li skont *diffusion tube*, jeżisti tniġġiż li jeċċedi l-livelli ikkawżat mit-traffiku, partikolarment minħabba B'Kara By-Pass li tilqa fiha moviment qawwi ta' traffiku (bi-directional). Is-Sindku ikkonkluda li huwa kien ippubblika l-linja li għaddew il-kelliema tal-Awtorità biex ir-residenti jkunu jistgħu faċilment jikkomunikaw direttament mal-Awtorità kull darba li tfeġġ din id-diffikultà. Is-Sindku wiegħed li ser jibqa jsegwi din il-materja biex iħares l-interessi tal-komunità.

31.5.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fil-bidu ta' din il-leġiżlatura, kien irrelata dwar proġett li se jkun qed isir bejn student Universitarju flimkien mall-Kunsill Lokali L-Iklin dwar permakultura fejn preżentement qed jaħdem fuq it-teżi u fejn dan l-istudju qed isir proprju fi Pjazza Ninu Cremona. Informa li tella link tal-kwestjonarju fuq il-paġna ta' facebook Iklin Residents fejn qed jistieden lill-Kunsillieri u r-residenti biex jipparteċipaw f'dan il-kwestjonarju. Permezz tal-opinjoni pubblika, ir-resident bl-ideat tiegħu jista' jitqies bħala għodda parteċipattiva għat-tfassil mill-ġdid ta' dan il-ġnien. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jimlew dan il-kwestjonarju għaliex tkun ħaġa sabiħa li dan l-istudju ma jibqax biss fuq il-karta imma jkun jista jsir realtà.

## 31.6 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

31.6.1 ma kienx hemm.

## 31.7 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

31.7.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-16 ta' Marzu 2021 u t-12 ta' April 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

31.7.2 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar korrispondenza nru. 534/21. Claim WSC 411/17. Talba għall-kumpens li tmur lura għas-sena 2017. Resident fi Triq Dun Karm qed jitlob kumpens għal danni lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

31.7.3 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 531/21. *Maintenance agreement* tal-PC/Laptop għar-residenti.

Id-Diviżjoni ġiet notifikata illi diversi Kunsilli Lokali qegħdin joffru s-servizz ta' manutenzjoni fuq il-PC/Laptop mingħajr ħlas lir-residenti. Id-Diviżjoni infurmat lill-Kunsilli Lokali illi tali funzjoni mhix fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u għalhekk ma jistgħux jintefqu fondi pubbliċi mill-Kunsill Lokali għal dan il-għan.

31.7.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 535/21. Korrispondenza min individwu li jipprovdi servizz mingħajr ħlas dwar naħal maħrub. Il-Kunsillier Farrugia irrimarkat dwar l-issue tal-*yellow spots* li kienet issemmiet f'seduti preċedenti u fejn il-Kunsill qed jindirizza din il-materja.

31.7.5 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 570/21. Diffikultajiet ta' parkeġġ fi Triq Anton Manoel Caruana.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li residenti li jgħixu fl-imsemmija triq ġew imħarrka minn Uffiċċjali tal-Komunità għaliex kienu ipparkjati b'mod li setgħu jirrestrinġu l-karreġġjata. Żied jgħid li l-Kunsill tkellem mal-Aġenzija LESA biex jitkellmu mall-Kunsill peress li din hija żona purament residenzjali. Kien ukoll deċiż li jsir eżerċizzju anke bl-għajnuna tal-esperti u nies tekniċi mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex ikun stabbilit jekk jistax isir parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

31.7.6 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 628/21. Talba għal *sub-post office* fl-Iklin.

Il-Kunsillier Zammit qal li filwaqt li jifhem il-konċernament tar-residenti għaliex biex tinqeda trid titla n-Naxxar, mill-lat ta' negozju, wieħed irid jifhem li l-ħwienet tan-negozju m'għandhomx gwadann minn dan is-servizz apparti li trid tipprovdi *storage space* għall-pakketti u loġistika oħra.

Il-Kunsillier Godwin Zammit issuġġerixxa biex il-Kunsill jitkellem mal-Management tal-MaltaPost biex naraw il-possibiltajiet li jiftħu fergħa f'lokal qarib jekk mhux l-Iklin bħal Ħal Lija, Ħal Balzan, jew B'Kara.

Is-Sindku Dott. Sciberras jifhem l-iskumdità li teżisti biex wieħed jinqeda għaliex qegħda *out of the way*. Hu wiegħed li kien ser jitlob appuntament mall-Management tal-Maltapost biex iwassal t-talba tar-residenti tal-Iklin minkejja l-fatt li kif tkellem qablu l-Kunsillier Zammit, ladarba din l-entità hija kumpannija privata, tara x'ikun jaqbel għall-kumpannija.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma kif fil-passat riċenti, il-Kunsill kellu laqgħat simili ma' Bank Kummerċjali lokali li kellu ATM fl-Iklin fejn tneħħiet minħabba policies ġodda tal-kumpannija. Minkejja li l-Kunsill kien għamel argumenti tajbin, però d-deċiżjoni tal-Bank kienet finali. Ir-raġunijiet kienu li l-Bank irid imur lejn *Cashless Society, Cost-Cutting, & downsizing*.

31.7.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 537/21. Intbagħat komunikat lill-Active Ageing & Community Care dwar ix-xogħlijiet proposti fis-Sala tal-Kunsill flimkien ma' layout fejn tindika l-lokazzjoni tal-bathrooms, kitchenette, partitioning u modifikazzjoni fl-entratura biex is-Sala tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien important li f'dan l-istadju, l-Kunsill jinnotifika lill-Active Ageing bid-disinn tal-Perit qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

**COMPLAINTS SHEET (16 ta' Marzu 2021 - 12 t'April 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 53 | 18/03/2021 | Id-dawl ta' Triq il-Prinjol mhux jixgħel. | settled | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 54 | 23/03/2021 | Ħwienet problema ta' żibel u ta' ġrieden | pending | Triq il-Mużika ,Triq Iċ-Ċitru | **COUNCIL** |
| 55 | 23/03/2021 | Tindif ta katusa f'Wesgħa JB Scicluna | settled | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 56 | 23/03/2021 | Ilment li l-boroż il-griżi ka' nġabrux kollha fi Triq San Mikiel. | settled | Triq San Mikiel | **Contractor** |
| 57 | 24/03/2021 | Din ir-residenta qed tilmenta ta' kuljum fuq bankina mkissra fi Triq GM Azzopardi. | pending | Triq GM Azzopardi | **COUNCIL** |
| 58 | 25/03/2021 | Tabella milquta fi Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 59 | 25/03/2021 | Tabella milquta fi Triq G Curmi | settled | Triq G Curmi | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 60 | 25/03/2021 | Bozza mall-ħajt iktar mitfija fi Trejqet Poeti. | pending | Trejqet Poeti | **Contractor** |
| 61 | 30/03/2021 | Talba biex tinqala' tabella. | settled | Triq G Calleja | **COUNCIL** |
| 62 | 30/03/2021 | Bankina slippery fejn stabiliment tan-negozju fi Triq G Abos | settled | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 63 | 30/03/2021 | Talba biex isiru l-parking bays fi Triq AM Caruana, man-naħa tal-ħajt. | pending | Triq A M Caruana | **COUNCIL** |
| 64 | 30/03/2021 | Kwantità ta' xkejjer u ħmieġ fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **COUNCIL** |
| 65 | 01/04/2021 | Biex terga titwaħħal traffic mirror tat-traffiku fi Pjazza Ninu Cremona, wara l-Knisja għaliex qed isiru l-inċidenti. | settled | Pjazza Ninu Cremona | **Contractor** |
| 66 | 05/04/2021 | Ilment dwar hofra li inholqot minhabba water leakage u hsara fuq karozza ta titjir tal-qatran fi Triq Ġużè Pesci. | pending | Triq Ġużè Pesci | **WSC** |
| 67 | 06/04/2021 | Ilment dwar drain fil-water culverts li hemm fi Triq San Mikiel. Qed ikun hemm irwejjaħ kbar ta' drenaġġ. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 68 | 06/04/2021 | Ilment dwar kaxxa bl-imbarazz u terrapien fi Triq il-Wied faccata ta' Triq l-Awrikarja. | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 69 | 06/04/2021 | Talba biex isiru tabelli biex il-vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe 'il barra għax qed iħammġu l-ħajt bl-exhaust tal-vetturi fi Triq Ċensu Busuttil. | pending | Triq Censu Busuttil | **COUNCIL** |
| 70 | 07/04/2021 | Hemm numru ta' hofor fi Triq in-Naxxar u l-Bypass ta' Triq Dun Karm. | pending | Triq in-Naxxar/Triq Dun Karm | **IM** |
| 71 | 09/04/2021 | Hemm bozza maqtugħa 'hanging' fi Triq ES Inglott. | pending | Triq ES Inglott | **Contractor** |
| 72 | 10/04/2021 | Ilment dwar ħofra li nħolqot minħabba water leakage fejn 24 Triq Pesci. | pending | Triq Pesci | **WSC 303321157** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 73 | 12/04/2021 | Talba biex jingħata naqra asfalt taħt il-bankina fi Triq Dwardu Cachia għax joqgħodu rqajja t'ilma. | settled | Triq Dwardu Cachia | **COUNCIL** |
| 73 | 12/04/2021 | Ilment dwar iż-żibel ta' nies fit-toroq ta' Triq il-Mużika u Triq iċ-Ċitru | pending | Triq il-Mużika/Triq iċ-Ċitru | **COUNCIL** |
| 74 | 12/04/2021 | Talba biex il-plots li mhumiex mibnijin fi Triq il-Wied, itellgħu-ħajt biex il-ħaxix ma joħroġx fuq ul-bankina u b'hekk tibqa nadifa u nies ikunu jistgħu jimxu fuqha. | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 75 | 12/04/2021 | Rapport li residenza qed tbattal l-ilma tal-*washing machine* fil-katusa li tagħti għal fuq il-bankina fi Pjazza Ninu Cremona. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **SANITA`** |
| 76 | 12/04/2021 | Dan ir-resident ma' jaqbilx li iz-zebra crossing ta' Triq ES Inglott tigi 'raised' ghaliex jibda jzomm l-ilma u jidhollu fil-garaxx. | pending | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |
| 77 | 12/04/2021 | Dan ir-resident jaqbel li z-zebra crossing tiġi 'raised' fi Triq ES Inglott għax il-karozzi jitilgħu b'veloċità qawwija. Barra minhekk, meta taqbeż iz-zebra crossing hemm kanal li tħaffer. Biex jimtela'. | pending | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |

## 31.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

31.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

31.8.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Bernice Farrugia.

30.8.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 31.9 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

31.9.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

31.9.2 Applikazzjoni PA 02162/21 – 9, Uplands, Triq in-Namur L-Iklin. Demolition of existing building including unauthorized additions and construct bungalow with basement (connected to basement approved in PA05038/10), swimming pool and excavate existing subsided fill area and transform into structural void.

## 31.10 FINANZJAMENT GĦAL ŻVILUPP U TITJIB FIL-KUNDIZZJONIJIET TAL-PLAYING FIELDS FIL-LOKALITAJIET F'MALTA U GĦAWDEX

31.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva ċirkolari mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy dwar finanzjament għal żvilupp u titjib ta' playing fields fil-lokalitajiet.

Din iċ-ċirkolari tispjega fid-dettal l-objettivi, l-eliġibilità, il-kriterji tal-evalwazzjoni, linji gwida u l-kundizzjonijiet tas-sottomissjonijiet. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża u l-Kunsill ikun irid joħroġ 15%.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-playing field jeħtieġ titjib kemm fejn jirrigwarda rubber flooring, l-implimentazzjoni ta' CCTV, tibdil ta' xi apparat bl-iskop li jkun aċċessibbli għal kulħadd u l-implimentazzjoni ta' sun sail shade bħala protezzjoni mill-elementi b'mod partikolari fl-istaġun sajfi.

31.10.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit issekonda l-ideja tas-Sindku għaliex kienu avviċinawh xi residenti dwar l-istat li jinsab fih rubber flooring b'mod partikolari.

31.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-*playing field* jiġi iċċekjat kull xhar minn Engineer u mir-rapporti li jirċievi l-Kunsill kull xhar, ma jidhirx li saret l-ebda rimarka dwar l-apparat eżistenti, u *rubber flooring* però jikkonferma li l-*wear & tear* huwa evidenti fuq il-*playing field* b'mod inġenerali. L-uniku rimarka li ġibed l-attenzjoni dwarha l-engineer kien biex jiżdiedu l-avviżi biex jindikaw li hemm *playing field* fil-qrib.

31.10.4 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li jsir modernizzar tal-*playing field* għall-benefiċċju tal-komunità.

31.10.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japplika taħt din l-iskema peress li d-Direttorat se jkun qed jiffinanzja 85% tal-proġett u l-15% jagħmel tajjeb il-Kunsill finanzjarjament.

31.10.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

31.10.7 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jinbidel *rubber flooring*, l-implimentazzjoni ta' sun sail shade biex ikopri *surface area* tal-*playing field*, jinbidel xi apparat biex minflok jitqiegħed apparat komdu għal kull individwu bi bżonnijiet differenti u ż-żona tkun sorveljata permezz ta' CCTV. B'dan il-mod, il-playing field ikun wieħed inklussiv, aċċessibbli u mgħammar b'apparat u materjali li jtejbu l-kwalità tal-istandards partikularment is-saħħa u s-sigurtà tal-post.

31.10.8 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 31.11 SKEMA FINANZJARJA GĦALL-PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ 10/2020

31.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikat mir-Reġjun Ċentru dwar skema finanzjarja nru. 10/2020 għall-proġetti fil-Komunità.

Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema biex il-fondi jintużaw għar-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill.

31.11.2 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 31.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

31.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2021 fil-5.30 pm.

31.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2021 fil-5.30 pm.

31.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.47 pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |